MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 205/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**VS**

**RAYMOND CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Camilleri, ta’ 49 sena, bin il-mejjet Paul u Antonia nee’ Vassallo, imwieled nhar il-15 ta’ Settembru, 1957, gewwa r-Rabat, Malta, u residenti fil-fond imsejjah Conrad, Triq Pierre Muscat, Rabat, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 653157(M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta’ Ottubru, 2006 f’xi hin bejn it-tmienja u kwart (08.15hrs), u t-tmienja u nofs (08.30hrs), ta’ fil-ghodu, gewwa Triq Birkirkara, San

Giljan, Triq Mikiel A Vassalli, San Giljan, u Triq il-Marbat, Swieqi, u/jew fil-vicinanzi:

1. Volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni EQZ 031 tal-ghamla Peugeot ghad-dannu tas-socjeta' Isecure Ltd, u Jonathan Bugeja, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50.00 (hamsin lira maltin), izda anqas minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkagunalu offizi ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Jonathan Bugeja, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 325(1) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-verbal tal-lum.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Raymond Camilleri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 446 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tiddikkjara procediment ezawrit ghar-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra l-istess imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------